**26 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E.,K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Avukat Sir Philip Pullicino ne.

*versus*

Prof. Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.

**Taxxa tas-Suċċessjoni — Legat "free of duty".**

*Il-valur ta' legat imħolli "free of duty", għall-finijiet tat-taxxa tas-suċċessjoni, għandu jkun il-valur nett tal-legat b'żieda tal-ammont tat-taxxa li l-legatarju kien ikollu jħallas, jew jirrifondi lill-eredi, kieku l-legat ma ġiex eżentat mit-taxxa.*

*Xejn ma jiswa illi l-prattika tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni għall-'mgħoddi kienet dejjem li t-tassazzjoni f'każ simili ssir xort'oħra. Ladarba dik il-prattika tiġi kontestata, jeħtieġ li l-Qorti tara jekk hix sewwa jew le.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-imsemmija Violet Graham u Edward George Warris Hulton huma r-"residuary legatees", ossija eredi ta' Lady Margaret Baroness Strickland, li mietet fit-28 ta' Settembru 1950, u dan skond testment magħmul l-Ingilterra fit-2 ta' Settembru 1948 (dok. A), li bih ordnat diversi legati "free of duty", b'mod illi t-taxxa tas-suċċessjoni relattiva kellha tiġi mħallsa mir-"residuary estate"; u peress illi, bi ftehim mal-konvenut nomine, l-assi tal-imsemmija Lady Strickland kellu jiġi likwidat, għall-fini tat-taxxa, permezz ta' kompromess li sar bl-awtorità tal-Ministru tal-Finanzi taħt l-art. 53 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod li l-assi mponibbli ("net taxable estate") kellu jikkonsisti biss fil-valur nett tal-legati mħollija lill-persuni residenti ġo Malta mingħajr ebda nuqqas ta' djun a kariku tal-assi, u bil-kondizzjoni illi l-valur ta' "shares" fl-"Allied Malta Newspapers Limited"

imħollija b'legat lil Gerald De Trafford, tal-valur nominali ta' £24,200, kellu jkun "subject to revision" (dok. B.C.); u peress illi l-valur nett tal-legati mħollija lill-persuni domiċiljati f'Malta jammonta għal £79,571. 13. 4 (dok. F), salva dejjem ir-reviżjoni tal-valur tax-"shares" fuq imsemmija fl-"Allied Malta Newspapers Limited"; u peress illi fid-29 ta' Jannar 1951 l-attur nomine kien iddepożita f'idejn il-konvenut nomine £50,000 biex jagħmlu fronti għat-taxxa tas-suċċessjoni tal-istess Lady Margaret Strickland, bir-riżerva espressa illi jiġi ripetut kwalunkwe eċċess li seta' jirriżulta wara li tkun likwidata t-taxxa fuq imsemmija (dok. G);

U peress illi fit-23 ta' April 1953 il-konvenut nomine nforma lill-attur illi t-taxxa dovuta mill-attur nomine ġiet likwidata fis-somma ta' £48,105. 13.10, "subject to revision" (dok. C.D.E.); u peress illi sussegwentement il-valur tax-"shares" fuq indikati ġie fissat definittivament għal £27,555, b'mod illi l-valur tal-assi żdied bl-ammont ta' £3 355, u t-taxxa totali ġiet riveduta u likwidata fis-somma ta' £50,232. 14. 4 (dok. G), u għalhekk l-attur nomine ddepożita ammont ulterjuri ta' £232. 14. 4 bi protesta, u bir-riżerva tad-dritt li jitlob ir-rifużjoni tal-eċċess taxxat; u peress illi l-konvenut nomine llikwida ħażin it-taxxa, għaliex ikkalkulaha fuq il-valur superjuri għall-ammont tal-valur nett tal-legati mħollijin lill-persuni domiċiljati f'Malta, li wara r-reviżjoni tal-valur tax-"shares" fuq imsemmija ġie fil-fatt jammonta għal £82,926. 13. 4, b'mod illi l-attur nomine ġie ħallas in eċċess £20,409 fuq dak li kien dovut skond il-liġi;

Talab li l-konvenut nomine jiġi kundannat li jirrifondi lill-attur nomine s-somma fuq imsemmija ta' £20,409, jew kwalunkwe somma verjuri, akbar jew iżgħar, li tirriżulta mħallsa ndebitament mill-attur; bl-imgħax legali miż-17 ta' Diċembru 1953. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest taż-17 ta' Diċembru 1953 u tas-26 ta' Jannar 1955 (dok. H.J.);

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li

biha qal illi t-taxxa msemmija fiċ-ċitazzjoni ġiet likwidata fit-termini tal-ftehim u tal-liġi, u għalhekk id-domanda attriċi għandha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Awissu 1958, li biha ċaħdet it-talba attriċi, bl-ispejjeż għall-attur nomine; wara li kkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża l-fatti li taw lok għall-kawża huma dawn li sejrin jiġu relatati;

Fit-28 ta' Settembru 1950 ġiet nieqsa għall-ħajjin Lady Margaret Baronessa Strickland, b'testment magħmul l-Ingilterra fit-2 ta' Settembru 1948 (dok. A), fejn fih ħalliet diversi legati, bil-kondizzjoni li l-istess legatarji jeħduhom "Free of Duty" (ara dok. fol. 14, para 3). Peress li fil-likwidazzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni tad-decujus inqalgħu ħafna komplikazzjonijiet bejn l-attur nomine u oħrajn u l-konvenut nomine u nies oħra tal-finanza, saru varji seduti biex jintlaħaq xi mod ta' soluzzjoni bejniethom; u milli jidher, il-kontendenti, wara li qagħdu fuq proposta, li dwarha jsir diskors aktar tard, baqgħu d'akkordo li jirrendu operattiv l-art. 53 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta; salv li l-Kummissarju tat-Taxxi jottjeni d-debita awtorizzazzjoni maħsuba fil-liġi, u prevja li d-debitur jissottometti t-talba tiegħu kif hemm maħsub fl-istess liġi;

Qabel ma sar dan il-ftehim li jirrendu operattiv l-art. 53 tal-Kap. 70, kif ġa ntqal, kien hemm ħafna abbokkamenti bejn il-partijiet u nies oħra. Apparti proposti oħra li ma seħħewx, u li ma hemmx lok li fuqhom bniedem jitkellem, huwa tajjeb li jiġi relatat id-diskors li sar qabel il-proposta li fuqha għandha bażi t-transazzjoni li tat lok għat-talba tal-applikazzjoni maħsuba fl-art. 53 tal-liġi fuq imsemmija;

Mill-provi jidher li qabel ma sar ebda ftehim, u ċioè fid-29 ta' Jannar 1951 (ara dok. I fol. 31), l-attur nomine kien iddepożita £50 000 — ammont li kellu jagħmel fronti għat-taxxa tas-suċċessjoni tad-decujus, li kienet għadha ma ġietx likwidata — salva l-likwidazzjoni eventwali u finali. Huwa fatt inkontestat, li jirriżulta wkoll mill-provi

(depożizzjoni ta' Sir Philip Pullicino fol. 100 u 104, u tan-*Nutar Dr. Vincenzo Gatt, allura Kummissarju tal-Inland* Revenue, dep. fol. 203 u 203 tergo, jew 205 u 206), li l-proposta transazzjoni, li in segwitu ġiet awtorizzata, ġiet mix-xhud Henry Craig, li ssottomettiha lil Dr. Gatt, u minn dan l-aħħar imsemmi ġiet kommunikata verbalment lil Sir Philip Pullicino, li ġie mitlub japplika skond il-liġi, f'każ ta' aċċettazzjoni, għall-effettwazzjoni tagħha. L-attur nomine kkommunika l-proposta lill-eżekuturi, u rċieva minn għandhom it-telegramm favorevoli għall-aċċettazzjoni li jinsab eżibit fil-fol. 78 tal-proċess. M'hemmx dissens ukoll bejn ix-xhieda prinċipali f'din *il-kawża li l-proposta "Craig" kienet* li l-assi tassabbli kellu jkun limitat għal-legati li kellhom jitħallsu lill-persuni domiċiljati, jew aħjar residenti f'Malta (ara depożizzjoni Pullicino fol. 100 tergo u 104, depoż. Gatt fol. 203 in principio jew fol. 205 in fine u 206 in primis); u evidentement, kif jidher mid-dok. A (78), "subject to arithmetic and to agreement of the value of Allied Malta Newspapers shares". Jidher ukoll li huma qablu fuq il-prinċipju illi t-taxxa kellha tkun eżatta fuq il-legati msemmija; imma kalkoli matematiċi ma sarux bejniethom (ara depożizzjoni *Pullicino fol. 101 tergo u 105 in fine, u depo*żizzjoni Gatt fol. 203 tergo in medio u 206 in medio), u l-attur nomine jsostni li ma ġiex, qabel il-kompromess, imsemmi l-mod kif il-legati kienu sejrin jiġu kalkulati (ara depożizzjoni tiegħu idem bħal qabel);

Jingħad però li jirriżulta mid-depożizzjoni tax-xhud Craig (fol. 89, 90, 91) — u l-attur nomine ma ċaħadx dan il-fatt (ara depożizzjoni tiegħu fol. 101 tergo in medio, jew 105 para. 3zo.) — illi f'okkażjoni oħra, fejn kien hemm f'denunzja magħmula minn *Sir Philip Pullicino legat tal*-użufrutt "free of duty", it-taxxa ġiet regolata fuq il-valur tal-legat akkrexxjut mit-taxxa li kien ikollu jħallas il-legatariu kieku ma kienx hemm l-inċidenza tal-"free of duty". Del resto, fl-okkażjoni tal-korrispondenza u protest li l-attur rispettivament kellu u għamel, qal li "in pectore" kien qiegħed jaħseb li jikkonċedi t-taxxa fuq il-vantaġġ li jieħdu l-legatarii mill-eżenzjoni tat-taxxa (ara depożizzjoni tiegħu fol. 101 in fine u 101 tergo in primis, u 105 in medio). Mill-banda l-oħra, ix-xhud Craig jgħid (fol. 89 in fine u 90 in primis) li t-"trustees" tad-decujus minn qabel *il-*

kompromess kienu jafu kif kienet sejra tiġi t-taxxa tas-suċċessjoni, u ċertu *Colonel* Dickson, li milli jidher kien konness mal-materja in kwistjoni, staqsieh kif issir il-komputazzjoni, spjegalu li fl-ipotesi tal-legat "free of duty" huma kienu jakkomunaw il-legat u t-taxxa tiegħu u jintax-xaw fuq l-intier riżultanti, u li x-xhud imsemmi qallu li kien fehem (fol. 90 para. 2). Qal ukoll l-istess xhud li, qabel ma sar il-kompromess, is-sistema li huwa semma fuq kien ġa menzjonat, imma, skond il-fehma tiegħu, mhux neċessarjament l-attur nomine kien jaf kif jinħadem (fol. 102 u 103); però afferma li dak is-sistema ilu prattikat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u dawk li kienu jagħmlu f'loku qabel mill-1918, ċjoè minn mindu nħoloq dan it-tribut, jew aħjar din il-liġi speċjali;

il-konvenut Dr. Gatt, peress li meta x-xhud Craig kien ipproponielu l-kompromess kien qallu li l-valur li fuqu til-likwida ruħha t-taxxa jrid ikun dak tal-legat awmentat, minħabba l-inċidenza tal-kondizzjoni "free of duty", b'mod li l-Finanza ma kienet sejra tkun qatt kostretta tirrifondi xejn mid-depożitu ta' £50,000, qal li huwa kien dejjem kate-goriku, sew mal-attur nomine, kemm mas-"solicitor" Brooks; mil'i jidher, anki meta kienu qegħdin jippruvaw isiru, wara d-depożitu xi kompromessi anki qabel dak li fl-aħħar waslu fih. kif ukoll f'din l-aħħar okkażjoni, ebda transazzjoni jew kompromess ma sar li in konsegwenza tiegħu dak id-depożitu jiġi b'xi mod affettat (ara fol. 203. 203 tergo, jew 205. 206 u 207). Fuq dan il-punt, l-attur nomine alla sua volta qal li ma jiftakarx li Dr. Gatt qallu li mill-£50,000 depożitati ma jirrifondi xejn, u esprima l-possibbiltà illi seta' qallu wara li seħħ il-kompromess; u afferma b'ċertezza li mhux bħala kondizzjoni;

Illi min dawn il-provi jitnissel illi:—

1. Il-legat "free of duty" minn mindu bdiet tiġi ope-rata l-liġi in kwistjoni (1918) kien jiġi ntaxxat fuq l-am-mont tal-legat ingrossat bit-taxxa relattiva fuqu;

2. F'okkażjoni oħra preċedenti għall-każ in kwistjoni, l-attur nomine kellu okkażjoni jkun jaf b'dik il- prattika;

3. It-"trustees" tad-decujus, qabel il-kompromess "de quo agitur", kienu jafu kif issir il-komputazzjoni ta' legat "free of duty";

4. Qabel ma saret il-proposta tal-kompromess, u anki f'okkażjoni ta' proposti oħra li ma seħħewx, Dr. Gatt nomine, peress li kien sar diġà depożitu ta' £50,000, u dawk il-proposti li kienu jimplikaw rifużjoni minn dak l-istess depożitu, assikura li dejjem wera ċar, sew lill-attur nomine (li alla sua volta qal fuq dan il-punt li ma jiftakarx, u li seta' jkun li qallu hekk wara l-kompromess, ċert mhux bħala kondizzjoni), kemm lil Mr. Brooks, is-"solicitor" tat-"trustees", li ma xehedx, li ma kienx propens jirrakkomanda in virtù tal-art. 53 tal-Kap. 70 lill-Gvern kompromess jew transazzjonijiet li seta' jkollhom dik il-konsegwenza;

5. Il-proposta tal-kompromess in kwistjoni saret meta Dr. Gatt kien assikurat mill-impjegat tal-Finanza, Craig, naturalment wara li saru l-kalkoli tal-legati "free of duty" kif kienu s-soltu jsiru, li dak il-kalkolu ma kienx jaffetta d-depożitu fuq imsemmi; bla ma ġie dan il-fatt tal-kalkolu msemmi lill-attur nomine;

6. L-attur nomine u Dr. Gatt nomine, fil-proposta tal-kompromess, qablu biss fuq il-prinċipju kif għandha ssir, bla ma sar diskors fuq kif kienu sejrin jiġu regolati l-legati "free of duty", jew fuq kalkoli oħra matematiċi;

Illi, stabbiliti dawn il-punti ta' fatt, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tgħid x'kien il-kompromess bil-miktub, u kif, fil-fehma tagħha, għandu jiġi rettament interpretat;

Illi l-kompromess in kwistjoni huwa kontenut fid-dok. B, li jġib id-data tat-18 ta' Diċembru 1952 (fol. 20), akkoppjat mad-dok. C, li jġib id-data tat-23 ta' April 1953 (fol. 22), li rispettivament jirrappreżentaw il-proposta konkreta tal-attur nomine u t-talba għall-operazzjoni tal-art. 53 tal-Kap. 70, u r-risposta adeżiva tal-Finanza; imma dak li jinteressa l-kawża odjerna, l-għaliex fuq il-punti l-oħra sollevati u kondizzjonijiet apposti ma jidherx li hemm ebda kontestazzjoni, huwa, għal dak li jirrigwarda l-ammonti pagabbli fir-rispett tad-"death duties":—

(a) "That the net payable estate shall be made to consist of the value of all legacies payable to persons resident in Malta, irrespective of any liabilities chargeable to the Malta estate";

(b) "That as regards the value of the shares of the "Allied Malta Newspapers", which form part of the world estate of the decujus, it is agreed that a minimum value of £24,200 be attributed to the said shares for the purpose of a provisional assessment of succession duties; but that such value shall be finally revised for the purpose of determining the said duties, on the basis of the consideration payable for the sale of such shares, provided the revised value is not less than £24,200";

Illi jingħad ukoll illi l-Finanza, mal-ittra tagħha tat-23 ta' April 1953, fejn aderiet għall-kompromess, annettiet id-dok. D (fol. 24), li kienet qegħdha tirreklama fuq is-suċċessjoni tad-decujus, salva kwalunkwe reviżjoni, għall-"Estate Duty", £35,749. 13. 3, u għall-"Legacy Duty" £12,356. 0.7, total ta' £48,105.13. 10 — dokument li mid-data tiegħu (22 ta' April 1953) kien jidher li ġie magħmul qabel id-dokument C, li jikkontjeni l-ittra adeżiva fir-rispett tal-kompromess;

Dwar id-dok. D (fol. 24), l-attur nomine fetaħ korrispondenza ulterjuri bl-ittra tiegħu tal-1 ta' Mejju 1953 (dok. F bis fol. 27), li in sostanza tikkontjeni rikjesti minnu ta' informazzjonijiet mill-parti tal-Finanza dwar il-"compromise value" attribwit lill-"estate" tad-decujus għall-aġġudikament tat-taxxa skond l-art. 53 tal-liġi "de qua" u dwar ir-rata tat-taxxa kif fissata għal £48,105.13.10 fuq il-valur fuq imsemmi; għal liema l-aħħar ittra, milli jidher, ġew mibgħuta lill-attur nomine d-dokumenti E u F (fol. 25 u 26), li ma humiex datati, u li kienu ntiżi biex jiċċaraw il-figuri li għalihom kien wasal id-dipartiment in kwistjoni fid-dok. D (fol. 24).

*Minn dawn id-dokumenti* E *u* F, *il-legati li jiffurmaw* l-oġġett tal-kompromess imsemmija fit-testment tad-decujus, u ammontanti għal £79,571.13.4, kienu ġew kalkulati bħala "free of duty" għal £127,677.7.2. Meta in segwitu

x'"shares" tal-"Allied Malta Newspapers", li kienu ġew fil-kompromess stmati li jiswew biss "minimum value" £24,200, inbiegħu £27,555, il-konvenut nomine, fit-13 ta' Novembru 1953 (ara dok. H fol. 29), irreklama, fuq regolament addizzjonali tat-taxxa, ammont addizzjonali ta' £2,127.0.6 kif spjegat fid-dok. G. fol. 28, u l-attur nomine, li kien għamel id-depożitu ta' £50,000 akkont biex ikopri r-regolament provviżorju ta' £48,105.13.2, ħallas in depożitu l-ammont addizzjonali ta' £232.4.4 taħt protesta u bla preġudizzju, u bir-riżerva espressa li jikkumbatti l-komputu tar-regolament tat-taxxa tas-suċċessjoni kif kienet ġiet magħmula, u li huwa sostna li ma kienetx ġiet regolata skond il-kompromess approvat mill-Gvern, kif jidher mill-ittra taż-17 ta' Novembru 1953 (fol. 29 u ta' wara), fejn espona r-raġunijiet tiegħu in sostenn tat-teżi abbraċċjata minnu semma li skond it-teżi tiegħu l-eżekuturi kien jkollhom id-dritt tar-rifużjoni ta' almenu £7661 mis-somma ta' £50,232.14.2, u kkontenda li l-valur tal-inċidenza tal-kondizzjoni "free of duty" kellha tiġi taxxata biss assi separat, u mhux biss aġġunta jew akkomunament tal-assi, f'liema każ ir-rifużjoni reklamata kienet tkun, kif huwa wkoll għamel riżerva għaliha fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni tar-rifużjoni tas-somma li kien qiegħed jitlob lura ta' somma konsiderevolment superjuri għas-somma reklamata in rifużjoni ta' £7661, u għalaq l-ittra tiegħu billi talab li jkollhu risposta, anki se maj avversa, fi żmien xahar mill-jum ta' dik il-korrispondenza, ħalli jkun jista' imexxi l-quddiem ġudizzjarjament fil-każ ta' rifjut għar-rikjesta tiegħu. Evidentement, l-ittra dok. H fo.l 29 u ta' wara) ma kellhiex risposta favorevoli mill-parti tal-Finanza, l-għaliex l-attur nomine għamel il-protest li kopja tiegħu tinsab fil-fol. 31 tal-proċess (dok. I), u li ġie preżentat il-Qorti fiż-17 ta' Diċembru 1953, u notifikat lill-konvenut nomine fl-istess jum;

Minn dan il-protest jidher li, wara li saret l-espożizzjoni tal-fatti u tal-konteża tal-attur nomine, dan l-aħħar imsemmi nterpella lill-konvenut nomine jirrifondilu s-somma ta' £7661, bl-imgħax tal-5% biss li huwa kien jirritjeni li almenu ħallas dik l-istess somma aktar milli kellu jħallas. Fis-26 ta' Jannar 1955 l-attur nomine spikka protest ieħor lill-konvenut nomine, li ġie notifikat bih fl-

istess jum (dok. J. fol. 34), fejn reġa' esprima l-istess fattijiet relatati fil-protest ta' qablu, kif ukoll il-kwistjonijiet legali minnu ġa sollevati, u għalqu bl-istess intima, sabiex jikkostitwixxi l-imgħaxijiet li kienu skadew sal-jum tal-protest f'kapital produttiv ta' nteressi skond il-liġi. Dan l-aħħar protest imsemmi, kif jidher mid-dok. K (fol. 37), sar wara li, qabel it-2 ta' Jannar 1954, il-kontendenti kienu ltaqgħu wara l-ewwel protest, u li in segwitu tal-inkontru u l-ewwel protest inkitbet l-ittra dok. K (fol. 37), fejn l-attur espona, wara li għamel ir-riżerva għall-pretensjoni tiegħu dwar li l-assi tad-decujus ma setgħax jiġi awmentat in vista tal-fatt li l-legati ġew imħollija "free of duty", u qal li l-ebda taxxa addizzjonali ma tista' tintalab fir-rispett tal-istess legati hekk affrankati, l-għaliex qal li dik iż-żieda mhix kontemplata fil-liġi, u ta r-raġunijiet legali in sostenn ta' dik it-teżi fl-isfond tal-kompromess, *subordinatament* u "ex hypothesi" li, jekk l-inċidenza tal-kondizzjoni "free of duty" tkun kunsidrata bħala trasmissjoni taxxabbli soġġetta għat-taxxa addizzjonali, ikkontenda li l-ammont tal-assi taxxabbli għandu jkun jikkomprendi wkoll biss, se maj, l-aġġunta tal-ammont tat-taxxa li l-legatarju kien ikollu jħallas mill-but kieku l-istess legat kellu jitħallas minnu u mhux mill-eredi, l-għaliex dak l-awment jirrappreżenta l-benefiċċju li huwa sejjer igawdi l-laxxitu partikulari, u in sostenn ta' din it-teżi ġieb xi argument analogu u ssottometta konsiderazzjonijiet oħra, li jidhru mid-dokument li fuqu qiegħed isir id-diskors. Spiċċa, wara li qal ukoll li t-taxxa tas-suċċessjoni għandha tiġi regolata fuq l-assi li jkun taxxabbli darba biss skond ir-rati ndikati fl-iskedi tal-liġi in kwistjoni, u wara li kkritika d-dokument akkluż mal-ittra tal-Finanza tal-24 ta' Novembru 1953 (Ref. O.P.M. 1008/1950), li ma ġiex eżibit la fl-oriġinal tiegħu u lanqas bħala kopja fil-kawża, biex jitlob li l-osservazzjonijiet tiegħu jkunu rikunsidrati favorevolment ħalli tiġi evitata kwalunkwe azzjoni ġudizzjarja. Milli jidher, anki dan l-appell ma kellux eżitu feliċi; u għalhekk l-attur nomine, li biex jevita proċeduri ġudizzjarji kien talab ir-rifużjoni tal-anqas somma, u ċjoè l-ammont ta' £7661, meta sab li kellu jipproċedi ġudizzjarjament, il-lum qiegħed jitlob is-somma kollha li fil-ħsieb tiegħu ħaqqu skond il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit x'kienu l-fatti li taw lok għall-kawża, l-atmosfera anteċedenti għall-kompromess, u l-kwistjonijiet legali "hinc inde" sostnuti mill-kontendenti, din il-Qorti sejra tgħaddi għalbiex tiddirimi l-kwistjonijiet insorti;

Illi in ġenerali, in tema legali, jingħad li l-indoli tal-liġi speċjali in kwistjoni tirrikjedi li l-istess tkun applikata skond l-idejjiet u l-metodi li jirregolaw id-Dritt Ċivili. Infatti, l-istess liġi hija r-rijassunt tal-indaġinijiet l-aktar akkurati li bihom jiġu nvestigati l-attivitajiet ġuridiċi talpersuni. Fil-verità, jingħad li dak li jissejjaħ "giure comune" huwa l-gwida fil-ġudizzju prattiku tal-kwistjonijiet li jippreżentaw ruħhom fl-applikazzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni, ammenokkè ma jkunx ġie b'dispożizzjoni espliċita u speċjali derogat dak l-istess dritt. Minn dan jitnissel, neċessarjament u naturalment, li għall-applikazzjoni talliġi li fuqha qegħdin nitħadtu, ma nistgħux ma nirrikorrux għad-Dritt Ċivili, li jirregola u jippreċiża l-materja taxxabbli u l-kwalità tat-taxxa, salva dejjem il-liġi speċjali. Del resto, dan il-prinċipju huwa rikonoxxut mill-art. 50 (1) tal-Kap. 70 apparti li jitnissel mill-prinċipju ġenerali applikat mill-kulturi tal-liġi għall-liġi speċjali "de qua". Filkaż in diżamina, ir-rikors għad-Dritt Ċivili jrid jiġi kunsidrat fl-isfond tal-kompromess, li sar bil-miktub bejn ilpartijiet; u dak l-istess att kompożitorju jrid jiġi nterpretat fid-dawl tal-liġi speċjali organika, b'mod li ma jkunx vjolat; imma, fejn huwa sieket u ma tirriżultax l-intenzjoni ċara tal-partijiet li ħadu parti fih, għandha tipprevali l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-drittijiet; għallkażijiet mhux preveduti espressament iridu u jimponu li jidħlu in operazzjoni d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-każijiet in ġenerali u materji analoġi;

Illi, premess dan li fuq intqal, din il-Qorti sejra tgħaddi bi proċess differenti milli għamlu l-partijiet sabiex tinterpreta l-att kompożitorju jew kompromess, li ntervjena bejn il-partijiet, u li jinsab imniżżel bil-miktub, kif fuq intqal, fid-dokument B (fol. 20 u 21), li jinkorpora l-proposta tal-attur nomine, u fid-dokument C (fol. 22 u ta' wara) li jikkontjeni t-termini tal-aċċettazzjoni tal-konvenut nomine; liema l-aħħar dokument kien ukoll akkom-

panjat minn dokument ieħor indikat bl-ittra D (fol. 24), li alla sua volta kien intiż li juri l-ammont ta' taxxa fuq l-assi u dik fuq il-legati fuq it-trasmissjoni kif kunsidrata mill-Uffiċċju tal-Finanzi, u ċjoè fuq massa jew patrimonju kompromess, li ma ġiex indikat la bil-kliem u lanqas b'ċiffri;

Illi, għalkemm id-dokument D (fol. 24) huwa xott u suċċint ħafna, u ma jurix matematikament il-massa patrimonjali li fuqha ġie magħmul il-kalkolu sabiex il-Finanza waslet għat-taxxi hemm indikati, eppure l-attur nomine, li kien għamel id-denunzja tal-materji li kienu jaqgħu taħt il-liġi, fosthom anki dawk li kienu jaqgħu taħt il-kompromess bl-ammonti u stimi relattivi, fis-16 ta' Jannar 1951, barra mill-azzjonijiet ("shares") tal-"Allied Malta News papers", li kellhom, bħala laxxitu, jiġu kunsidrati tal-valur provviżorju ta' £24,200, u li kien ukoll jaf, minn esperjenza li kellu preċedentement, kif il-Finanza kienet tikkalkola it-taxxa fuq legat eżenti mit-taxxa, seta' bħala bniedem intelliġenti jinduna li l-istess metodu kien ġie adoperat anki f'din l-okkażjoni. Dan juri li l-Finanza, qabel ma kitbet l-ittra tal-aċċettazzjoni tat-23 ta' April 1953 (dok. C fol. 22 u 23), kienet iffurmat id-dok. D, li jġib id-data tat-22 ta' April 1953 (fol. 24), il minnu jidher li fl-aċċettazzjoni tagħha tal-kompromess hija kienet bil-fehma li tikkunsidra l-valur tal-legati mħollija mid-decujus bħala eżenti minn taxxa, mhux skond il-benefiċċju pekunjarju li kienu sejrin jirritraħu l-legatarji sabiex huma jieħdu l-legat effettiv imħolli, bla ebda deduzzjoni, u fl-interità tiegħu fuq il-prinċipju rikonoxxut fid-Dritt Tributorju, li "la natura intrinseca e gli effetti della disposizione testamentaria servono come norma per l'applicazione della tassa";

Jingħad ukoll li mentri Dr. Gatt nomine jiftakar li b'ċertezza pożittiva huwa dejjem oppona kwalunkwe kompromess li in konsegwenza tiegħu l-Finanza kien ikollha treġġa lura anki parti mill-£50,000 li kienu ġew depożitati mill-attur nomine, u li meta saret il-proposta mix-xhud Craig għall-kompromess in diskussjoni assikura ruħu li ma tavverax ruħha dik l-eventwalità qabel ma pproponieh lill-attur nomine, dan l-aħħar imsemmi ma jiftakarx li dik il-fehma ta' Dr. Gatt issemmiet qabel il-kompromess, imma

afferma l-possibbiltà li setgħet issemmiet wara li ntlaħaq il-kompromess, u kien pożittiv li ma saretx bħala kondizzjoni. Ma hemmx bżonn jingħad illi bejn asserzjoni pożittiva u dik ta' nuqqas ta' memorja, li mhix asserzjoni ta' esklużjoni, jekk min jiftakar tajjeb jiġi emmnut, l-affermazzjoni tiegħu għandha tiġi aċċettata. Del resto, Dr. Gatt huwa korroborat mix-xhud Craig, li qabel ma għamel il-proposta lill-attur nomine aċċerta ruħu li b'dik il-proposta, u skond il-metodi u prattika kif il-Finanza kienet tikkalkola legat bl-inċidenza tal-eżenzjoni mit-taxxa, l-istess Finanza ma kienetx sejra jkollha treġġa lura ebda parti mid-depożitu ta' £50,000;

Mhux ozjuż li jingħad ukoll illi, jekk l-attur nomine qal li seta' jkun li Dr. Gatt semmielu l-fehma tiegħu fuq imsemmija wara l-kompromess, imma żgur mhux bħala kondizzjoni, din l-affermazzjoni tiegħu ta' natura pożittiva ma għandhiex, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, ikollha dak il-piż li jista' apparentement "a prima vista" jidher li għandu jkollha; l-għaliex Dr. Gatt kien, anteċedentement għall-proposta, għamel, kif jgħid li għamel, il-kalkoli tiegħu, u għalhekk ma kellux għalfejn jimponi ebda kondizzjoni; u jekk fil-fatt ma apponiex kondizzjonijiet, kif qal l-attur nomine, dan ma jħassarx il-fatt li l-istess Dr. Gatt ippreveda dik l-eventwalità; u meta għamel il-proposta kien qiegħed jivviżwalizza l-kompromess fid-dawl tal-"modus operandi" dwar il-kalkolu tal-legati msemmija tad-dipartiment minnu rett;

Illi huwa wkoll sintomatiku l-fatt rilevat mill-attur nomine, fis-sens li huwa fil-korrispondenza tiegħu mal-Finanza, u fil-protesti fuq il-materja in kwistjoni wara l-kompromess, kellu f'rasu li jikkonċedi t-taxxa fuq il-vantaġġ li kienu sejrin jirritraw il-legatarji fil-miżura tal-eżenzjoni lihom akkordata fl-att tal-aħħar volontà tad-decujus, ċjoè kellu f'moħħu jikkonċedi l-ammont li kien jkollhom iħallsu l-legatarji kieku l-legati ma kienux suġġetti għall-inċidenza tal-eżenzjoni (ara fol. 101 u 101 tergo jew fol. 105). Meta jiġi kunsidrat li din l-idea li kellu l-attur nomine, u li huwa fil-fatt l-ewwel darba esprima fiż-17 ta' Novembru 1952 (ara dokument H fol. 29, partikolarment para. 4 ta' dik l-ittra), s'intendi bid-debiti riżervi li

fil-każ ta' non-adeżjoni jitlob il-valur tal-klawsola "free of duty" tiġi taxxata bħala assi separat, u mhux in aġġunta għall-massa patrimonjali ġenerali pattwita, kienet timporta versjoni differenti għal dik li huwa l-lum prinċipalment qiegħed jagħti lill-kompromess, mħabba l-importanza tagħha fis-soluzzjoni tal-kwistjoni li dwarha qegħdin jikkontendu l-partijiet, ma tistax tiġi traskurata, apparti provi u *konsiderazzjonijiet* oħra, li naturalment u neċessarjament *jimponu ruħhom. Infatti, kif jidher mid-dikjarazzjoni* tal-attur nomine (fol. 5 tergo in primis), dan sostna li l-kompromess kien kategoriku, u l-bażi tiegħu kienet li "the net taxable estate shall be made to consist of (the) true value of all legacies payable to persons resident in Malta, etc.", indipendentement minn kwalunkwe benefiċċju li l-legatarji setgħu jidderivaw mill-inċidenza tależenzjoni tat-taxxa kif limitatament ried qabel jikkonċedi, non ostanti l-kompromess;

Illi fil-verità jingħad li l-kontendenti, bl-att kompożitorju li waslu għalieh, ikkreaw assi patrimonjali fittizju, jew "sui generis" (mhux dak li ordinarjament huwa ntiż ċivilment), li kellu jikkonsisti fil-valur tal-legati kollha li kellhom jiġu mħallsa lill-persni residenti f'Malta, mingħajr riferenza għall-passivitajiet akkollabbli lill-'Malta Estate'. Peress li dawn il-legati ġew imħollija mid-decujus bil-klawsola formali li d-drittijiet tat-trasmissjoni dovuti mill-legatarji ma jitħallsux *minnhom, imma* mill-eredità, u perss li eżenzjoni *simili, kif intqal. fil-fatt tawmenta ekonomika*ment l-estensjoni tal-legat, li minnhom javvantaġġja ruħu l-legatarju, il-kontendenti qajjmu kwistjoni fuq l-interpretazzjoni tal-kelma "valur" ("value") tal-legati kollha użata fil-kompromess; u mentri l-attur jattribwilha s-sinifikat u l-portata tal-ammont tal-flus rappreżentanti l-legati effettivament imħollija denudati minn kwalunkwe benefiċċju, il-konvenut mill-parti tiegħu jikkunsidraha bħala li kienet u għadha timporta l-ammont tal-legat akkomunat mal-utilità ekonomika retratta *mill*-legatarju, u ċjoè ilbenefiċċju li l-persuni msejħa għall-laxxitu partikulari jirrikavaw minn dik il-klawsola riduċibbli għad-denominatur komuni. li huma l-flus, f'miżura tali li ma jiġix intakkat il-legat patrimonjali, flimkien mal-ammont tal-legat oriġi-

narjament imħolli fl-ammont tiegħu integru, jew aħjar intatt u bla deduzzjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi, meta fl-att kompożitarju l-kontendenti ddelimitaw l-assi tassabbli bil-kliem "shall be made to consist of the value of all legacies payable to persons resident in Malta, irrespective of any liabilities chargeable to the Malta Estate", ma għamlu ebda dikjarazzjoni biex ifissru l-kelma u l-portata tat-terminu "value", u lanqas ma ċċaraw il-kelma "legati";

Illi l-kliem "payable to persons resident in Malta", fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, ma jimpurtawx determinazzjoni tal-valur tal-kompromess, iżda jimpurtaw kwalifikazzjoni tal-legati mdaħħla fil-kompromess, ċjoè l-oġġett tal-kompromess, in kontrappożizzjoni ta' legati oħra mħollija fit-testment tad-decujus, li huma l-fonti tat-trasferiment, lil persuni mhux residenti f'Malta u pagabbli lilhom. Infatti, il-loġika ġuridika tirrafforza din l-interpretazzjoni; l-għaliex tant jekk il-kelma "value" ("of all the legacies") nagħtuha s-sinifikat li lilha jagħti l-attur, kemm jekk napponulha s-sinifikat u l-portata li lilha jrid jagħti l-konvenut, il-legati kollha, fiż-żewġ kontinġenzi jibqgħu ndubbjament pagabbli lill-legatarji residenti hawn Malta;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, biex jista' jingħad jekk fil-fatt ġiex jew le vjolat il-kompromess, irid bniedem jara x'kien l-oġġett tiegħu, u, wara li jistabbilixxi fuq il-provi u l-liġi ċ-ċertezza ta' dik il-materja, jirriferiha għall-valur tagħha;

Illi mhux dubitat li l-oġġett tal-kompromess kienu l-legati kollha li kellhom jitħallsu lill-persuni residenti f'Malta. "Legat", skond il-liġi komuni (għaliex il-liġi speċjali mdaħħla taħt il-Kap. 70 ma tiddefinix il-legati proprjament hekk imsejħa), hija kwalunkwe dispożizzjoni testamentarja li, taħt id-denominazzjoni ta' legat jew kwalsijasi denominazzjoni oħra, tipproduċi l-effetti tagħha,

purkè tkun enunċjata b'mod li l-intenzjoni tat-testatur tista' tkun konoxxuta u ma tkunx kuntrarja għall-liġi ċivili (art. 720 Kap. 23 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta). Skond id-dottrina huwa definit "dik il-ħaġa jew dritt ereditarju li in virtù ta' dispożizzjoni tal-aħħar volontà it-testatur iħalli, per mezz tal-eredi universali, lil xi ħadd" (ara Liġi 116 pr. de legat (30), fejn jingħad "legatum est delibatio haereditatis, qua testator ex eo quod universum haeredis foret alicui quid collatum velit"; u paragrafu I Inst. de legat. (2, 20), u Liġi 36 de legat (32), fejn jingħad "legatum est donatio quaedam a defuncto relicta ab haerede praestanda"). Fi kliem *ieħor, il-legat* joħloq suċċessjoni "causa mortis" fuq ħaġa singolari jew dritt speċjali għak-kariku tal-eredità, mhux direttament, imma "medio haerede". Il-legat "può avere per contenuto qualunque vantaggio atto ad arricchire il patrimonio del legatario", jgħid N. De Crescenzio fil-monografija tiegħu fuq is-suċċessjoni (Diritto Romano), fil-paragrafu 368; u awtur ieħor jgħid:— "*Il legato è una disposizione di ultima* volontà colla quale il testatore ordina un determinato vantaggio patrimoniale a favore di una persona ed a carico direttamente o indirettamente della eredità propria. Si chiama legato non solo quella disposizione, ma anche il contenuto della medesima (ara Clementini Avvocato Paolo fil-kumment tiegħu *fuq* "Le Leggi sulle Tasse di Registro", Volume II, kumment fuq l-art. 51, paġ. 37, para. 1);

Illi jekk legat jirrappreżenta vantaġġ patrimonjali irridu naraw legat imħolli mid-decujus bl-inċidenza tal-eżenzjoni mit-taxxa tal-"mutazzjoni" jew suċċessjoni x'jirrappreżenta, u mbgħad jekk l-istess inċidenza tal-eżenzjoni tistax tingħad skond il-liġi tagħna "legacy properly so called", u fl-aħħarnett jekk il-fatt li hija eskluża (l-inċidenza tal-eżenzjoni) mill-art. 80 tal-Kap. 70, ergo ma tistax tiġi nkluża bħala legat, jekk hija għandha tiġi ritenuta tali;

Illi legat li bi klawsola formali tat-testment jispetta lill-eredità l-pagament tad-drittijiet ta' mutazzjoni dovuti għal "causa mortis" gravanti altrimenti fuq il-legatarji, ma hemmx bżonn jingħad, jawmenta l-estensjoni tal-legat, li minnu javvantaġġja ruħu l-legatarju; b'mod li l-patrimon-

ju tal-istess gratifikat ikollu bih ekonomikament vantaġġ u trasmissjoni fir-rispett tal-legat prinċipali. L-imposta mqiegħeda a kariku tad-debitur (eredità jew eredi benefiċjat) tikkostitwixxi awment ta' nteressi għall-kreditur (legatarju). Bħala tali, kwindi, l-eżenzjoni tirrappreżenta u timporta legat jew estensjoni tal-legat li għall-finijiet tal-Finanza hija sa ċertu pont, fil-każ in kwistjoni, l-istess ħaġa. Issa, skond il-liġi tagħna komuni, fejn huma kontemplati l-legati hekk proprjament imsejħa, għal liema liġi, kif intqal, fil-premessi ta' din id-deċiżjoni, l-interpreti għandu jirrikorri fil-każi li jippreżentaw ruħhom għall-applikazzjoni tat-taxxa, kontemplati fil-liġi speċjali mdaħħla taħt il-Kap. 70, huma "legati" d-dispożizzjonijiet testamentarji, sew taħt id-denominazzjoni ta' legati, sew taħt denominazzjoni oħra li tipproduċi l-effett tagħha fejn l-intenzjoni tat-testatur tkun konoxxuta, u l-istess ma tkunx kuntrarja għal-liġi ċivili. Il-kontenut tad-dispożizzjoni tad-decujus dwar l-inċidenza tal-eżenzjoni mit-taxxa tas-suċċessjoni tal-legati mħollija huwa ċar, u jaqbel mal-intenzjoni tat-testatriċi, il-Baronessa Strickland, u l-istess mhux kuntrarju għal-liġi;

Infatti, il-liġi tagħna, fir-rubrika dwar il-persuni u l-ħwejjeġ formanti l-oġġett ta' dispożizzjoni testamentarja, ma tagħmelx menzjoni li legat bl-eżenzjoni mit-taxxa huwa null, jew ma jistax isir; u jekk "gratia argumenti" jingħad li, meta saret il-liġi ġenerali, il-leġislazzjoni tributarja ma kienetx in eżistenza, u għalhekk l-istess liġi komuni ma setgħetx tagħmel riferenza għaliha, jingħad li ebda dispożizzjoni legali ma ġiet magħmula bħala emenda għall-liġi ġenerali wara l-publikazzjoni tal-liġi speċjali ntrodotta fis-annu 1918, sabiex tiddikjara mhux fattibbli jew sabiex tolqot b'xi nullità l-istituzzjoni ta' legat ta' eżenzjoni mill-inċidenza tal-mutazzjonijiet "causa mortis". U inoltri, huwa ta' min isemmi li minn ebda dispożizzjoni tal-Kodiċi Ċivili ma tista' titnissel xi interpretazzjoni fis-sens li l-portata tagħha tista' timplika dik l-istess nullità jew xi azzjoni oħra li timpedixxi li dak l-istess legat jista' jiġi istitwit. L-unika dispożizzjoni legali li tista' ġġib remotament xi ombra ta' dubju, jekk tkun rigwardata leġġerment u superfiċjalment, hija dik l-art. 732 tal-Kap. 23 jikkontempla; imma l-istess dubbjezza hija diradata faċilment

meta jiġi kunsidrat li legat tal-eżenzjoni tat-taxxa ma huwiex legat imħolli, għad-determinazzjoni tal-kwantità tiegħu, interament fl-arbitriju tal-eredi jew ta' terza persuna, imma huwa istitwit b'riferenza mhux dubitata u ċerta għan-normi u kriterji tal-kalkolu mitluba mill-liġi *mill-parti tal-Finanza, sabiex il-legat oriġinarju jew prinċipali* jkun jista' jiġi miġbur mil-legatarju fl-interità tiegħu skond l-intenzjoni manifesta tat-testatur fl-att tal-aħħar volontà tiegħu, li hija l-fonti tat-trasmissjoni jew mutazzjoni, li timplika l-passaġġ tal-valur jew oġġetti, skond il-każ, mill-persuna tat-testatur għal dik tal-legatarju;

Illi ġie deċiż li "nel caso in cui il testatore lasci una determinata somma per il pagamento della tassa di successione dovuta dai legatari", din l-istess somma tikkostitwixxi legat (ara Cassazione Civile 11 ta' Lulju 1935, in re "Mattirolo vs. Signoretti", riportata fir-Repertorju tal-*Ġurisprudenza* Taljana, Annu XXXVII, 1935. vuċi "Tassa di Successione", no. 30). Issa, jekk hekk il-laxxitu tal-eżenzjoni determinabbli skond normi u kriterji li l-Finanza tapplika kif huwa permess mill-liġi jipparteċipa mill-istess natura, u la huwa mhux kuntrarju għall-liġi, għandu jiġi kunsidrat bħala legat, preċiżament kif għandu jiġi kunsidrat il-laxxitu "free of duty" tad-decujus, li dwar is-suċċessjoni tagħha qiegħed isir diskors, in forza tal-argument li jitnissel mill-art. 732 tal-Kodiċi Ċivili, rettament interpretat (ara Kassazzjoni Torino 17 ta' Mejju 1893, "Mello utrinque", Foro Italiano 1893, Volume I, 1294; Appell Torino 16 ta' Mejju 1892, "Mello utrinque", Ġurisprudenza Toriniża 1892, 622; Brescia 7 ta' Frar 1888, Sbandolini kontra Gomo M., 1888. 45, Giurisprudenza Italiana 1888, Volume 1, 2, 495), u tal-liġi in ġenerali, kif fuq intqal;

Illi fid-dawl ta' dan li ġie premess, li jimporta li fejn il-liġi speċjali hija siekta għandha tipprevali l-liġi komuni u ġenerali, il-fatt li l-legat ta' esklużjoni mit-taxxa ma huwiex imdaħħal fil-każi msemmija fl-art. 80 tal-Kap. 70, li huma *kollha kontinġenzi li setgħu jagħtu aditu għall-*evażjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni taħt aspetti legali oħra skond il-liġi komuni, ma jimportax li huwa ma setgħax jiġi istitwit;

Ikkunsidrat;

Illi minn dan li ntqal jitnissel, naturalment u loġikament, illi:—

1. L-inċidenza ta' eżenzjoni tat-taxxa fuq legat imħolli f'att tal-aħħar volontà jimporta veru u proprju vantaġġ patrimonjali għal-legatarju;

2. Dak il-vantaġġ jirrappreżenta estensjoni tal-legat oriġinarju u prinċipali, u jikkostitwixxi fl-istess ħin veru u proprju legat skond il-liġi nostrali;

3. Il-fatt li l-liġi ġenerali tikkunsidra dak il-fatt ġuridiku bħala legat ma kienx assolutament jirrikjedi li jkun imdaħħal taħt id-dispożizzjoni eċċezzjonali tal-art. 80 Kap. 76;

Ikkunsidrat;

Illi kwindi, meta testatur jistitwixxi legat li jrid li l-legatarju jieħdu sħieħ u bla diffalki in konsegwenza tat-taxxa tas-suċċessjoni, huwa jkun, b'dik l-eżenzjoni, qiegħed jagħmel estensjoni tal-legat; liema estensjoni, salmiżura numerika li tkun neċessarja biex timpera l-volontà tiegħu, ikun qiegħed jagħmel "de facto" legati oħra għal dak il-fini. Infatti, fis-sentenza tal-Kassazzjoni tal-11 ta' Lulju 1935, fuq ċitata, ġie ritenut li fuq is-somma mħollija biex tagħmel fronti għall-legat prinċipali, li hija ritenuta wkoll legat, "è dovuta la tassa di successione";

Illi, stabbilit dan li ntqal fuq, jingħad, in relazzjoni għall-kompromess, li meta l-kontendenti qalu li l-assi tassabbli kellu jiġi kompost b'mod u manjiera li jikkomprendi l-legati kollha li kellhom jitħallsu lill-persuni residenti f'Malta, huma riedu li l-valur tal-legati fi flus u dawk ta' ħwejjeġ mobili u immobili, u ħwejjeġ oħra, ridotti għad-denominatur komuni, li huma l-flus, ċjoè l-legati oriġinarji, kif ukoll il-flus kollha li huma meħtieġa biex titħallas it-taxxa tas-suċċessjoni fuq dawk l-istess legati prinċipali u

fuq l-istess taxxa, sabiex ikunu jistgħu jitħallsu fl-interita' tagħhom, li għandhom ikunu f'dik il-miżura numerika riżultata mill-attijiet tal-kawża, u għal dak l-istess fini, kunsidrati bħala legati, kif fuq ġie legalment sostnut, jiġu akkomunati flimkien bħala assi tassabbli. Infatti, b'dan il-mod biss setgħu l-legati primordjali jitħallsu ntegralment lir-residenti f'Malta kif ġie dispost;

Illi t-terminu "valur" in relazzjoni għall-oġġett tal-att ta' kompożizzjoni ntervenut bejn il-kontendenti għandu jiġi loġikament u legalment hekk interpretat;

Illi, del resto, li kellu jkun hekk jidher tant mill-anteċedenti kemm mill-fattijiet posterjuri għall-kompromess. Infatti, qabel l-att kompożitorju l-Finanza minn dejjem kienet tikkunsidra l-eżenzjoni mit-taxxa bħala estensjoni tal-legat imħolli; u jingħad li, sew jekk il-legat prinċipali jew oriġinali jiġi kunsidrat bħala estiż b'dik l-inċidenza, sew jekk l-inċidenza *tiġi kunsidrata, kif għandha tiġi*, bħala legat ieħor, fil-każ in diżamina, fejn l-assi tassabbli ġie maħluq bil-kompromess, u mhux ċivilment, huwa normalment intiż, metamatikament kalkulat fil-likwidazzjoni tat-taxxa, ir-riżultat huwa identiku. Jingħad ukoll, l-għaliex jirriżulta mid-depożizzjoni tax-xhud Craig, li l-attur f'*okkażjoni* preċedenti għal din il-każ (dak li huwa ammess mill-attur, li qal li ma approvax il-metodu, imma f'dik l-okkażjoni ħallas, u kwindi wieħed kien jippretendi minnu f'din l-okkażjoni, skond il-ħsieb ordinarju tal-ħajja, li jevita r-rikorrenza, la ma kienx japprova l-metodu ta' kalkolu adoperat f'dik l-okkażjoni) kellu każ ieħor fejn lilu ġie spjegat kif mid-dipartiment in kwistjoni kien isir il-kalkolu tal-inċidenza tal-eżenzjoni tat-taxxa — *metodu li* ġie segwit f'din il-kawża odjerna;

Jirriżulta wkoll, mix-xhud Craig, li anki f'din l-okkażjoni, qabel il-kompromess, il-metodu ġie spjegat lit-"trustees" tad-decujus u lil Colonel Dickson, li kien konness mal-materja in kwistjoni, u ġie msemmi lill-attur. Jidher ukoll mill-provi *li Dr.* Gatt *kien dejjem oppost li* jreġġa lura mid-depożitu ta' £50,000 li kien sar biex jagħmel fronti għat-taxxa tad-decujus, u fuq dan il-punt Dr. Gatt huwa korroborat mix-xhud Craig. Dan l-atteġġja-

ment ta' Dr. Gatt kien jimplika, għal min kien jaf x'valuri kienu ġew denunzjati, li l-Finanza kienet qegħdha tistma l-assi fuq il-metodu tagħha;

Illi, kwantu għall-provi posterjuri għall-kompromess, jingħad illi:—

1. Id-dokument D tat-22 ta' April 1953 (il-kompromess ġie mgħaqqad bl-ittra tal-aċċettazzjoni tat-23 ta' April 1953), għalkemm suċċint ħafna, għal min kien għamel id-denunzja kien juri l-idea tal-Finanza. Dak id-dokument ġie in segwitu elaborat fid-dokumenti E u F, (bla data u riċevuti mill-attur bla "covering letter" — fol. 25 u 26);

2. L-ittra tal-1 ta' Mejju 1953 (dok. F bis fol. 27, minn fejn jidher li l-attur fuq l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kompromess (dok. C fol. 22 u 23 u fol. 24), u d-dokument li kien jakkompanjaha, talab biex ikun jaf x'kien il-"compromise value" li ġie attribwit mill-Finanza sabiex waslu għat-taxxa ta' £48,195,13.10 qabel ma saret it-taxxa definittiva fuq ix-"shares" tal-"Allied Malta Newspapers", li kienu provviżorjament ġew valutati £24,200 bla l-inċidenza tal-eżenzjoni; liema rikjesta turi li kellu jsir kalkolu fuq il-valur tal-kompromess; l-għaliex l-attur, li kien jaf middenunzja kemm kienu valutati l-legati mdaħħla fil-kompromess, kien jaf, jew preżunt li jkun jaf, li fuq dik l-istima ma setgħetx titla taxxa ta' dik l-entità "in primis" reklamata provviżorjament;

3. Il-fatt li l-attur ried jagħmel konċessjonijiet, kif fuq intqal, juri li l-valur tal-kompromess ma kellux ikun tal-legati nudi krudi, u kwindi kif ġew imħollija mid-de-cujus; l-għaliex mhux preżumibbli, skond il-ħsieb ordinarju tal-ħajja ta' kuljum, li min għandu skrittura favur tiegħu kien sejjer jirrinunzja għaliha b'abdikazzjoni ta' sommom rilevanti;

Illi ntqal li t-teżi konvenuta għandha mill-assurd, għaliex il-leġatarju li skond l-art. 37 (a) tal-Kap. 70 huwa solidalment mal-eredi tenut għall-ħlas tal-imposta, wara li t-testatur ried jibbenefikah, fil-fatt jista' jkun kostrett

li jħallas taxxa aktar minn dik li kien ikollu jħallas mingħajr dik l-eżenzjoni, u ssemma illi fil-każ preżenti, peress li l-assi sar jikkonsisti, minħabba fil-kompromess, fil-legati mħollija lil nies residenti f'Malta, effetti tal-benefiċjati universali jew eredi ma kienx ikun hawn lokalment. Din il-konsiderazzjoni, però, tippresta ruħha għal diversi u svarjati attakki. Infatti, l-ewwelnett jingħad li l-kontinwaturi tal-personalità tal-Baronessa Strickland, li tant ibbenefikat nies u istituti f'dawn il-Gżejjer u fil-pajjiż nattiv tagħha, mhumiex sejrin iħallu li din ir-rikorrenza tissuċċiedi, meta jafu x'kienet l-intenzjoni tat-testatriċi, li ħalliet il-legati kif ħalliethom b'intenzjoni ferma u serja. It-tieninett, anki jekk u li kieku l-legatarji kellhom ikunu kostretti jħallsu minn buthom it-taxxa mposta skond il-liġi, kien ikollhom id-dritt ta' rivalsa fuq l-eredità jew l-eredi universali, li jistgħu jiġu persegwitati hawn jew band'oħra, skond il-każ; b'mod li t-taċċja ta' assurdità tat-teżi konvenuta hija biss apparenti;

Illi lanqas it-teżi subordinata avanzata mill-attur nomine, għar-raġunijiet li ntqalu fuq, ma tista' tiġi milqugħa favorevolment. Il-vantaġġ u benefiċċju patrimonjali rikavat mill-legatarju ma hux biss il-liberazzjoni tar-rifużjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni, kif fuq kunsidrata, imma l-arrikkiment patrimonjali tiegħu filli jirċievi u jiġi mħallas mill-legat oriġinarjament lilu mħolli fl-interità tiegħu;

Illi, kwindi, it-talba attriċi ma tistax tiġi ntrattenuta bil-favur;

Illi dwar il-kalkolu numeriku ma ġiet miġjuba l-quddiem ebda kwerela;

Rat fol. 160 in-nota tal-appell tal-attur nomine, u fol. 161 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tal-attur nomine kif tinsab fiċ-ċitazzjoni, bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija miż-17 ta' Diċembru 1953 sal-pagament; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti li minnhom oriġinat din il-kawża huma ndikati fis-sentenza appellata ("supra"), u għalhekk ma hemmx għalfejn jiġu ripetuti. Hu paċifiku bejn il-kontendenti li sar bejniethom il-kompromess inkorporat fl-ittra tal-attur nomine tat-18 ta' Diċembru 1952 u f'dik responsiva tal-konvenut nomine tat-23 ta' April 1953 (fol. 20 et seq.). Il-parti rilevanti ta' dan il-kompromess hi din:— "That the net taxable estate shall be made to consist of the value of all legacies payable to persons resident in Malta, irrespective of any liabilities chargeable to the Malta Estate";

Il-kwistjoni hi dwar x'inhu l-valur tal-legati msemmija fiċ-ċitazzjoni għall-finijiet tat-taxxa tas-suċċessjoni — liema legati ġew imħollija "free of duty";

L-attur nomine jsostni li l-valur, għall-finijiet tas-suċċessjoni, huwa l-valur nett tagħhom, ċjoè, £82,926.13.4. Għalhekk (bla ma qies ir-rotti) hu kkalkola t-taxxa fuq dak l-ammont (fol. 6 et seq.) fis-somma ta' £29,823 (li proprjament hija ta' £29,823.10.11 — ara fol. 120), u ddeduċiha mis-somma ta' £50,232 minnu depożitata b'riżerva għall-finijiet tat-taxxa, u b'hekk ġieb id-differenza li hu jallega li ġiet imħallsa in eċċess, u li qegħdha tiġi minnu issa reklamata, ta' £20,409;

L-attur nomine, però, avanza anki ipotesi subordinata. Skond it-teżi tiegħu prinċipali, non ostante li l-legati "de quibus" huma mħollija "free of duty", ma għandu jiżdied xejn mal-valur nett tagħhom għall-finijiet tat-tassazzjoni. Skond it-teżi subordinata, l-attur jgħid li għandu jiżdied mal-valur nett tal-legati (£82 926.13.4) l-ammont tat-taxxa ta' £29,833.10.11 (fol. 120), b'mod li l-valur globali (ommessi r-rotti) ikun ta' £112,709, li fuqu t-taxxa tiġi £42,571, u għalhekk hemm eċċess ta' £7661, ċjoè d-differenza bejn £42,471 u £50,232 li kienu, kif ġa ngħad, depożitati (ara fol. 171, 183 u 184);

F'din it-teżi subordinata, l-attur nomine kkunsidra li l-ammont tat-taxxa fuq il-valur nett, ċjoè £29,833, jirrap-

preżenta *l-benefiċċju rikavat mill-legatarji* bil-klawsola "free of duty", peress li dak kien ikun l-ammont li kien ikollhom iħallsu kieku ma kienx hemm dik il-klawsola (ara fol. 30-38), jew li kien ikollhom jirrifondu lill-eredi (fol. 77);

Il-konvenut nomine jinterpreta diversament l-effett tal-klawsola "free of duty". Huwa jgħid li l-valur tal-legat "free of duty" huwa l-ammont globali illi, avut rigward għar-rata tat-tassazzjoni, it-testatur kien ikollu jħalli b'titolu ta' legat sempliċi biex *jirraġġunġi* l-istess skop (fol. 64 u 201). Għalhekk, fil-likwidazzjoni tat-taxxa hu segwa l-metodu li ġie spjegat "in dettaglio" għall-ewwel darba f'din is-sede tal-appell bil-mezz tan-nota fol. 281. B'dan il-metodu, il-konvenut nomine ġieb l-ammont globali għas-somma ta' £133,159,7.8, li fuqha t-taxxa hi ta' £50,232.14.4, ċjoè l-ammont depożitat mill-attur nomine għar-rikjesta tal-konvenut nomine, u għalhekk dan il-konvenut nomine rrespinġa r-rimbors mitlub (ara fol. 44 tergo u dokti. F. G. H. u I. fol. 52, 53, 54 u 55). Il-valur kif *kalkulat mill-konvenut nomine, esklużi r-rotti,* hu *£20,400* aktar minn dak kalkulat mill-attur nomine fit-teżi tiegħu subordinata;

Ikkunsidrat;

Il-vertenza għandha tiġi xjolta in bażi għall-kliem tal-kompromess legalment interpretati;

Għalhekk wieħed għandu jara liema mit-tliet teżijiet — *dik tal-konvenut nomine u dawk tal-attur nomine,* waħda prinċipali u l-oħra subordinata — hija konformi mat-termini tal-kompromess u mal-liġi;

Kwantu għat-teżi tal-konvenut nomine, kif jidher mill-iskritturi tiegħu, senjatament dik fol. 20 et seq., dan għamel il-kalkoli tiegħu b'mod teoriku u spekulattiv. Infatti, hu beda biex ipprospetta spekulattivament assi li għall-finijiet tat-tassazzjoni jilħaq valur li jaqa' bejn £100,000 u £150,000, non ostante li fil-fatt il-valur hu, kif *ingħad, ta' £82,926. 13.4.* Mbgħad applika għal dan l-assi, teorikament immaġinat, it-tassa applikabbli għal assi li

jaqa' bejn £100,000 u £150,000, u żied dik it-taxxa, spekulattivament kalkulata, mal-assi. U b'hekk ifforma dan l-assi globali fittizju ta' £133,159. 7.8. Mbgħad reġa beda l-proċess tat-tassazzjoni fuq dan l-ammont, teorikament "engrossed" bl-ammont ta' taxxa teorikament stabbilita, u ntaxxa l-istess ammont globali komprendenti t-taxxa teorikament fissata, u fuqha ġieb it-taxxa għas-somma ta' £50,232. 14. 4 (ara, barra minn nota fuq imsemmija, anki dok. I fol. 55). Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-assunt tal-konvenut nomine hu in vjolazzjoni tal-kliem tal-kompromess u tal-liġi. Infatti:—

1. Fil-kompromess il-partijiet għamlu riferenza għan-"net taxable estate". Il-kelma "taxable" timporta neċessarjament li t-tassazzjoni li tipproduċi l-ammont li għandu jħallas l-attur nomine għandha ssir fuq assi li għalieh tkun għad ma ġietx applikata ebda taxxa, għax altrimenti ma jistax jingħad li hu "taxable", jekk ikun diġà ġie "taxed". Issa, dan hu appuntu dak li għamel il-konvenut nomine. Qabel ma ntaxxa l-assi, hu żiedu b'ammont ta' taxxa minnu immaġinata fuq bażi teorika, u għalhekk ma kienx aktar "taxable", imma mill-ewwel sar "taxed";

2. Skond il-kompromess, il-valur kellu jkun dak ta' "all legacies payable to persons . . . . ." Issa, ma jibqgħax aktar veru illi l-"estate shall be made to consist of the value of all legacies payable to persons etc.", jekk, minflok, l-"estate" qiegħed jiġi magħmul jikkonsisti, qabel ma tiġi applikata t-tassazzjoni finali, mill-valur tal-legati "u mill-valur tat-taxxa teorika", għax dan l-ammont tal-aħħar ma hux żgur "payable" lil-legatarji;

3. Skond il-liġi (Kap. 70 Ediz. Riv. art. 80), it-taxxa fuq il-legati hi applikabbli għal-"legacies properly so called", u għal dawk il-każijiet li din il-liġi, b'dispożizzjoni appożita, tekwipara b' "fictio juris" għall-legati. Il-każ preżenti ma hux wieħed minn dawn il-każijiet eċċezzjonali. U lanqas hu konformi għal-liġi li jitqies bħala "legacy properly so called" l-ammont tat-taxxa teorika li l-attur nomine żied mal-valur reali tal-legati biex jifforma l-assi fittizju li mbgħad intaxxa, għax dak l-ammont ma hux taħt ebda

aspett laxxitu, imma ċifra spekulattiva għall-finijiet tal-kalkolu;

Ma jidhirx, għalhekk, li t-teżi tal-konvenut nomine tista' tiġi sostnuta;

Lanqas jidher korrett li wieħed jgħid li l-attur nomine kien jaf, f'okkażjoni preċedenti, li dan kien il-metodu li bih id-Dipartiment tal-konvenut kien soltu jintaxxa legati "free of duty", u li kwindi meta sar il-kompromess, l-attur ġie li aċċetta dak il-metodu (ara para. 5 tan-nota tal-konvenut nomine fol. 61). Infatti, l-attur fix-xhieda tiegħu, fol. 101, spjega li dan il-każ l-ieħor kien każ ta' entità żgħira, u għalkemm hu deherlu li t-taxxa kienet eċċessiva, eppure, stante t-tenwità tal-valur, hu ma tkellem xejn. Dan hu konfermat mix-xhud tal-istess konvenut nomine, Craig, li stqarr li l-attur kien appuntu qal li ma kienx sejjer ifittex "għax l-ammont kien żgħir" (fol. 91). U dan l-istess xhud, Craig, qal li hu qatt ma spjega lill-attur "kif" sar l-"assessment". Del resto, l-ispjegazzjoni dwar kif sar l-"assessment" ingħatat biss fuq ordni tal-Qorti f'din is-sede bin-nota fol. 201;

Lanqas jidher li għandu xi valur ir-riljev li din kienet minn dejjem il-prattika tad-Dipartiment; għaliex appuntu din il-prattika hi issa in kwistjoni, jekk hijiex sewwa jew le;

L-uniku riljev li talvolta jista' jsir hu dak dwar għaliex il-konvenut nomine, fit-trattattivi li wasslu għall-kompromess, ma esprimiex ruħu ċar dwar il-metodu li bih hu kien bi ħsiebu jintaxxa l-legati "free of duty", non ostanti li x-xhud Craig, li hu s-Senior Assistant Assessor of Taxes fid-Dipartiment "de quo", jammetti li f'dik l-okkażżjoni ta' qabel, li hu semma, l-attur kien qed jikkunsidra dak il-metodu bħala "debatable" (ara fol. 92). Vwoldiri, li d-Dipartiment anzi seta' faċilment jissupponi li l-attur ma kienx qiegħed jaċċetta dak il-metodu, u kwindi kien hemm aktar raġuni biex tintqal xi ħaġa dwaru fil-kompromess;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti lanqas tħoss li tista' taċċetta t-teżi prinċipali tal-attur nomine, li għandha bħala effett tagħha li l-legat "free of duty" jitqies daqs kieku kien legat sempliċi mingħajr dik il-klawsola, u li ġġib għall-konsegwenza li l-valur taxxabbli għandu jkun biss dak tal-valur tal-legati bla ebda konsiderazzjoni oħra, daqs kieku kien legat ordinarju. Hu, infatti, indubitat li l-benefiċċju li jirritarji l-legatarju fil-każ wieħed u l-ieħor hu divers;

Kwantu għat-teorija avanzata mill-attur nomine "in subordine", din il-Qorti tirrileva li jidher raġjonevoli li wieħed jgħid li l-legat "free of duty" jikkonsisti fis-somma legata pjù il-benefiċċju li jirċievi l-legatarju bħala effett ta' dik il-klawsola, billi hu jiffranka t-taxxa tal-legat, li diversament kien ikollu jħallas lill-Gvern, jew jirrifondi lill-eredi. Dan il-benefiċċju għandu jitqies bħala li jiswa daqs kemm hi t-taxxa li diversament kien ikollu jħallas il-legatarju;

Din it-teżi ma hix affattu infiċjabbli bħal dik tal-konvenut nomine, għaliex hemm dawn id-differenzi:—

(a) Il-konvenut nomine daħħal fil-kalkolu tiegħu taxxa "teorika" fuq ammont mhux reali, imma "ipotizzat" minnu. Skond it-teżi subordinata, il-benefiċċju tal-legatarju hu magħmul ekwivalenti għall-ammont tal-"vera" taxxa kalkulata fuq il-valur "reali" tal-legati;

(b) Il-metodu tal-konvenut nomine, kif ġa ngħad, imur kontra l-kelma "taxable" tal-kompromess, għax jibda biex iżid taxxa mal-assi li għad irid jiġi taxxat. Mentri skond it-teżi subordinata, is-somma ta' £29,833 li qegħedha tiġi miżjuda mas-somma ta' £82,926 (esklużi r-rotti) biex jiġi furmat l-assi ta' £112,759, ma hix taxxa, imma hija l-benefiċċju rikavat mil-legatarju bil-frankezza mit-taxxa, valutat dak il-benefiċċju daqs kemm hi t-taxxa. Vwoldiri, l-ammont tat-taxxa hu biss element ta' valutazzjoni, imma dak li qiegħed jiżdied ma hux it-taxxa, imma l-benefizzju, u b'hekk ma tiġix urtata l-kelma "taxable";

(c) Lanqas hi kontraddetta l-kelma "payable"; għaliex, mentri t-taxxa teorika, kalkulata fittizjament mill-

konvenut nomine, ma hix "payable" lil-legatarji, dawn qegħdin, għall-kuntrarju, jipperċepixxu verament u realment il-benefizzju tal-ammont li ġie rijunit mal-valur reali, għax qegħdin jiffrankaw li jħallsuh jew jirrifonduh;

(d) Dippjù, mentri taħt ebda aspett is-somma tat-taxxa teorika, li biha l-konvenut nomine beda biex jifforma assi fittizju, ma tistax titqies "legacy properly so called", għall-kuntrarju, is-somma ekwivalenti momentaneament għat-taxxa fuq il-valur reali imma rappreżentanti verament il-benefizzju rikavabbli *mil-legatarji*, *hija* "legacy properly so called", għaliex hi ekwiparabbli għal legat ta' remissjoni ta' debitu (cfr. art. 740 Kap. 23 Ediz. Riv.);

Din il-Qorti, għalhekk, tinklina li ssostni, kif fil-fatt qegħdha ssostni, it-teżi subordinata tal-attur nomine, li ġġib it-taxxa dovuta (ara fol. 183-184) għas-somma ta' *£42,571, li, imnaqqsa mis-somma ta' £50,232 depożitata* mill-attur nomine, tikkonduċi għall-bilanċ rifondibbli lill-attur nomine ta' £7661 (eskluż il-kalkolu tar-rotti);

Illi fuq din is-somma huma dovuti l-imgħax miż-17 ta' Diċembru 1953, f'liema data ġie notifikat il-protest li bih, "inter alia", hu ġie kostitwit in mora anki għar-rigward tal-ħlas tal-imgħax fuq is-somma fuq indikata ta' £7661 (ara fol. 33);

Illi għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-attur nomine uża anki l-kliem "jew kwalunkwe somma verjuri, akbar jew iżgħar", eppure hu talab somma determinata, u għalhekk ma jistax jiġi varjat ir-regolament tal-ispejjeż in proporzjon tal-vittorja u sokkombenza rispettiva;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba limitatament għas-somma ta' sebgħa telef sitt *mija u wieħed u sittin lira (£7661), bl-imgħax tal-ħamsa fil-*mija miż-17 ta' Diċembru 1953. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza.